# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLEF
## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum l-Erbgha, t-tnax (12) ta' Ottubru 2022**

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 82/2020 ISB**

**Mario Scicluna (K.I. 471846M) f'ismu proprju u ghan-nom u in rappresentanza ta' J. Scicluna Ltd (C 4150) kif debitament awtorizzat mill-istatut tal-istess socjetà**

**Vs**

**Avukat Generali**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **Mario Scicluna (K.I. 471846M) pro et noe** li permezz tieghu talab lil din il-Qorti sabiex:

***(1)*** *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-fatt li nħarġu dawn l-akkużi, u cioe talli bhala direttur tal-kumpanija J. Scicluna Ltd (C 4150), ir-rikorrent Mario Scicluna (K.I. 471846M) ghas-snin 2005, 2006, 2007 u 2008, b'diversi atti maghmula minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda naqas li jibghat il-formuli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikolu (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq msemmi artikolu 23 u naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli, skond Dokument A, jikkostitwixxu proċediment li huwa leżiv tad-dritt fundamentali tar-rikorrent hekk kif sanċit fl-artikolu 4 tas-Seba´ Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja Għad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u kif ukoll l-artikolu korrispettiv fl-Ewwel Skeda fil-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, kif wkoll ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni.*

***(2)*** *Taghti dawk ir-rimedji kollha li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi, nkluż il-likwidazzjoni u hlas tad-danni ghall-ksur tad-Drittijiet Fundamentali subiti mill-istess rikorrenti Mario Scicluna pro et noe.*

*Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni tal-intimati in subizzjoni.*

U Dan wara illi ppremetta is-segwenti:

***i.*** *Illi r-rikorrent huwa akkużat talli bhala direttur tal-kumpanija J. Scicluna Ltd (C 4150) ghas-snin 2005, 2006, 2007 u 2008, b'diversi atti maghmula minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda naqas li jibghat il-formuli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikolu (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq msemmi artikolu 23 u naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli, skond "Dokument A" hawn anness.*

***ii.*** *Illi kif jirrizulta mill-istess akkuża, din l-akkuza harget mill-Ispettur Sarah Magri mill-ufficju tac-citazzjonijiet fl-10 ta' Ottubru, 2018.*

***iii.*** *Illi jirrizulta ictu oculi illi t-talba ghall-hlas u kundanna kriminali ġiet mahruga mill-ufficju tac-citazzjonijiet aktar minn ghaxar (10) snin minn mindu setghu jiġu mitluba hlasijiet ta' pagament mill-Kummissarju tat-Taxxi.*

***iv.*** *Illi qabel il-hrug ta' din ic-citazzjoni fuq referita, l-Kummissarju tat-Taxxi qatt ma baghat interpellazzjoni ġudizzjarja ghall-hlas ta' dak li jippretendi li huwa dovut.*

***v.*** *Illi dak li jippretendi li huwa dovut huwa preskritt ai termini tal-Ligi ghax mitlub wara tmien snin minn mindu kien dovut, biex b'hekk ir-rikorrent jichad it-talba ghall-hlas u jinsisti li xejn m'huwa dovut skond il-ligi.*

***vi.*** *Illi skond l-artikolu 47(2) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta, kawża li tinkludi dak li qiegħed mitlub tramite dawn l-akkużi setgħet tiġi promossa biss fi żmien tmien snin u allura hija llum preskritta. Jirriżulta wkoll li l-akkużi odjerni jikkonċernaw allegati nuqqasijiet li jirrisalu ben oltre dan it-terminu.*

***vii.*** *Illi fis-seduta tal-20 ta' Frar 2019 l-akkużat qua rikorrenti kien wera diġà tħassib dwar dawn il-proċeduri u dan stante li peress li ġaladarba l-Kummissarju tat-Taxxi naqas milli jipproċedi skond l-artikolu 47 tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta, liema proċedura hija llum preskritta, l-akkużat ma jistax illum jiġi mixli b'dawn l-akkużi.*

***viii.*** *Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' Gurisdizzjoni Kriminali awtorizzat lir-rikorrenti biex jipproċedi quddiem din l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ghal-lanjanza minnu vvantata.*

***ix.*** *Illi ai termini tal-Artikolu 39(9) tal-Kosituzzjoni ta' Malta,*

*Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat:*

*Iżda ebda ħaġa f'xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu minħabba biss li tawtorizza xi qorti li tagħmel proċeduri kontra membru ta' korp dixxiplinat għal reat kriminali nonostanti kull proċeduri u dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni ta' dak il-membru skont il-liġi dixxiplinarja*
*ta' dak il-korp, imma hekk illi kull qorti li tkun hekk tiġġudika dak il-membru u li hekk issibu ħati għandha meta tikkundannah għal xi piena tieħu kont ta' kull piena mogħtija lilu skont dik il-liġi dixxiplinarja.*

***x.*** *Illi ai termini tal-prinċipju ta ne bis in idem hekk kif sanċit fl-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll:*

*Everyone convicted of a criminal offence by a tribunal shall have the right to have his conviction or sentence reviewed by a higher tribunal. The exercise of this right, including the grounds on which it may be exercised, shall be governed by law.*

***xi.*** *Illi wkoll l-istess artikolu jinsab kodifikat fil-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u jaqra jekk:*

*Ħadd ma jista' jkun ipproċessat jew jerġa' jiġi kkastigat għal darb'oħra fi proċedimenti kriminali taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istess Stat għal xi reat li dwaru jkun diġà ġie finalment liberat jew misjub ħati skont il-liġi u l-proċedura penali ta' dak l-Istat.*

***xii.*** *Illi dan id-dritt m'huwiex derogabbli.*

***xiii.*** *Illi ġie mfisser diversi drabi kemm mill l-Qorti Ewropeja u l-Qrati nostrana li azzjoni hekk imsejħa ċivili li pero għandha min-natura tagħha elementi penali tista titqies bħala akkuża kriminali fiha nnifisha.*

***xiv.*** *Illi in oltre, l-Qorti Ewropeja ddikjarat ukoll li min jorqod fuq id-drittijiet tiegħu, f'dan il-każ l-Istat, u jħalli termini preskrittivi jgħaddu inutilment ma jistax mbagħad jadopera proċeduri bħal dawk odjerni biex jittanta jieħu dak li seta jieħu mod ieħor. Dan in-nuqqas ukoll jwassal għal res judicata. F'dan is-sens issir referenza inter alia għas-sentenza fl-ismijiet* ***Sergey Zolotukhin vs Russja (Applikazzjoni Nru: 14939/03)*** *deċiża fil-10 ta' Frar 2009 fejn a para 107 tal-istess insibu s-segwenti dictum:*

*107. The Court reiterates that the aim of Article 4 of Protocol No. 7 is to prohibit the repetition of criminal proceedings that have been concluded by a "final" decision (see Franz Fischer, cited above, § 22, and Gradinger, cited above, § 53). According to the Explanatory Report to Protocol No. 7, which itself refers back to the European Convention on the International Validity of Criminal Judgments, a "decision is final 'if, according to the traditional expression, it has acquired the force of res judicata. This is the case when it is irrevocable, that is to say when no further ordinary remedies are available or when the parties have exhausted such remedies or have permitted the time-limit to expire without availing themselves of them'".*

***xv.*** *Illi l-istess sentenza esplorat il-kunċett ta' ne bis in idem hekk kif jemerġi mill-artikolu 4 tas-Sebá Protokoll fid-dettal u qalet hekk:*

***xvi.*** *The Court emphasises that it is irrelevant which parts of the new charges are eventually upheld or dismissed in the subsequent proceedings, because Article 4 of Protocol No. 7 contains a safeguard against being tried or being liable to be tried again in new proceedings rather than a prohibition on a second conviction or acquittal (enfasi tal-akkużat).*

***xvii.*** *Illi għalhekk il-fatt waħdu li tressqu dawn l-akkużi diġà huwa leżiv u dan hekk kif hawn fuq espost*

**Rat** id-digriet taghha tat-8 ta' Gunju 2020 minn fejn jirrizulta illi l-kawza giet appuntata ghat-3 ta' Settembru 2020.

Rat ir-Risposta ta' l-intimati Avukat Generali (Avukat tal-Istat), Kummissarju tal-Pulizija u Kummissarju tat-Taxxi, tat-23 ta' Gunju 2020 u li permezz taghha ecceppew hekk:

1. *Illi qabel xejn minħabba d-dħul fis-seħħ tal-Kap 603 tal-Liġijiet ta' Malta, isem l-Avukat Ġenerali fl-okkju ta' din il-kawża għandu jinbidel għal Avukat tal-Istat;*

2. *Illi dwar l-ewwel talba, l-esponenti qajla jistgħu jifhmu kif ir-rikorrent proprio et nomine jista' qatt jippretendi li huwa ġarrab jew jista' jġarrab ksur tal-prinċipju tan-ne bis in idem, meta jirriżulta li kontra tiegħu ttieħdet biss proċedura waħda kriminali. Bil-ħniena hemm bżonn illi jingħad, illi biex ikun hemm ksur ta' dan il-kunċett hemm bżonn illi jkun hemm it-teħid ta' żewġ proċeduri dwar l-istess għemil jew nuqqas. Fil-każ tallum, ir-rikorrent proprio et nomine qieħed iħabbat wiċċu ma' proċedura ġudizzjarja waħda biss, allura l-ilment tiegħu li huwa jinsab vittma ta' proċeduri ripetuti huwa barra minn postu;*

3. *Illi għalkemm huwa minnu li skont l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap 372 tal-Liġijiet ta' Malta), huwa possibli li jittieħdu kemm proċeduri ċivili u kif ukoll proċeduri kriminali kontra kull min ma jibgħatx il-formoli dwar il-ħlas tat-taxxa, madankollu fil-każ tal-lum, il-Kummissarju tat-Taxxa għażel li ma jinqediex bl-azzjoni ċivili kontra r-rikorrent proprio et nomine biex jiġbor dak li huwa jħoss li huwa dovut lilu iżda għażel li jressaq biss ilment mal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex dan jibda passi kriminali kontrih. Dan jistqarru r-rikorrent proprio et nomine stess f'paragrafu iv tar-rikors kostituzzjonali tiegħu. Għalhekk la l-Kummissarju tat-Taxxi għażel li ma jimxix ċivilment, ir-rikorrent proprio et nomine jgħid ħażin li huwa kien espost għal żewġ proċeduri separati dwar l-istess ħaġa;*

4. *Illi r-riferenza li r-rikorrent proprio et nomine jagħmel għall-artikolu 47(2) tal-Kap 372 tal-Liġijiet ta' Malta ma tista' tkun ta' ebda fejda għalih. Bla ma wieħed jidħol fuq jekk l-azzjoni ċivili tal-Kummissarju tat-Taxxa kontra r-rikorrent hijiex tassew preskritta b'għeluq il-mogħdija ta' tmien snin jew le – minħabba li sa issa ma hemmx dikjarazzjoni ġudizzjarja li tgħid hekk iżda hemm biss dikjarazzjoni ta' parti li ma tiswa xejn – xorta waħda jibqa' l-fatt li anke jekk stess l-azzjoni ċivili tista' tkun preskritta dan ma jfissirx li l-azzjoni kriminali hija preskritta wkoll. Wara kollox, skont l-artikolu 6 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew għal rashom;*

5. *Illi sewwasew f'dan il-każ, l-artikolu 47(2) tal-Kap 372 tal-Liġijiet ta' Malta ma jolqotx il-proċeduri kriminali iżda jolqot biss il-proċeduri ċivili. Għall-proċeduri kriminali jgħodd it-tieni proviso tal-artikolu 23(13) tal-Kap 372 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid li: «reat taħt dan l-artikolu jibqa' jeżisti sakemm min jagħmel ir-reat ikun ikkonferma ma' u ħares id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' kull regola msemmija fih». Ifisser dan, illi ż-żmien ta' preskrizzjoni għat-teħid tal-proċeduri kriminali jibda miexi biss meta min jagħmel ir-reat jikkonforma ruħu mad-dispożizzjoni legali, ħaġa li sallum għadha ma seħħitx. Ir-rikorrent proprio et nomine għalhekk ma jgħidx sew li l-akkużi kriminali kontrih imorru lura għal nuqqasijiet li seħħew aktar minn tmien snin ilu. Tassew il-proċeduri kriminali mhumiex preġudikati ladarba ir-rikorrent proprio et nomine baqa' sallum iwebbes rasu u ma jagħmilx dak li l-liġi titlob minnu;*

6. *Illi l-esponenti jarawha tabilħaqq kemmxejn stramba, kif ir-rikorrent proprio et nomine jgħid f'paragrafu x tar-rikors kostituzzjonali tiegħu li l-akkużi kriminali għandom jaqgħu għaliex il-Kummissarju tat-Taxxi naqas milli jmexxi ċivilment.*

*Il-kunċett tan-ne bis in idem jidħol fix-xena biss meta jkun hemm ripetizzjoni ta' proċeduri u mhux meta ttieħed proċedura waħda;*

7. *Illi f'dan is-sens l-argument tar-rikorrent proprio et nomine li biex ma jkunx hemm ksur tal-prinċipju tan-ne bis in idem kien hemm bżonn li l-Kummissarju tat-Taxxi jibda l-azzjoni ċivili tiegħu fi żmien tmien snin huwa kontradittorju fih innifsu. Dan l-argument juri li jew ir-rikorrent proprio et nomine m'għandux għarfien tajjeb tal-kunċett tan-ne bis in idem jew inkella li l-imsemmi rikorrent qiegħed jipprova juża dan il-kunċett biex jipprova jaħrab mill-proċeduri kriminali. Ħaġa jew oħra, l-ilment tar-rikorrent proprio et nomine ma jistax jimexxi għaliex il-kunċett tan-ne bis in idem ma jagħti ebda garanzija biss li dik il-persuna li ma tkunx esposta għall-proċeduri doppji jew ripetuti;*

8. *Illi jiġi b'hekk, li l-ewwel talba tar-rikorrent proprio et nomine li jiġi ddikjarat li l-akkużi kriminali maħruġa kontrih imorru kontra l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4 tas-seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ma jmesshiex tintlaqa' għaliex huwa ma jistax jippretendi li huwa għandu jkun meħlus minn kull proċedura ġudizzjarja li tista' titressaq kontrih. Anzi tkun sovversjoni tal-ġustizzja li kieku r-rikorrent proprio et nomine jiffranka wkoll il-proċedura kriminali, wara li l-Kummissarju tat-Taxxi ma nediex l-azzjoni ċivili sabiex ma jkunx hemm appuntu proċeduri doppji;*

9. *Illi naturalment ladarba fil-fehma tal-esponenti, l-ewwel talba ma tistax tintlaqa' allura lanqas ma tista' tintlaqa' t-tieni talba tar-rikorrent proprio et nomine dwar ir-rimedji u l-kumpens li qed jippretendi illi jikseb;*

*Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti proprio et nomine bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Settembru 2020 minn fejn jirrizulta illi ma kienx hemm qbil dwar l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u l-partijiet qabblu illi din tigi deciza mas-sentenza finali.

Semghet ix-xhiedha kollha prodotti.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat id-dikjarazzjoni tad-difensuri tal-partijiet maghmula fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2021 u li permezz taghha ddikjaraw li l-partijiet ma kellhomx aktar provi xi jressqu.

Rat in-noti tas-Sottomissjonijiet rispettivi.

Semghet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-30 ta' mejju 2022 u rat illi l-kawza thalliet ghad-decizjoni ghall-llum.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti tifhem illi in succinct, il-kwistjoni principali hi li r-rikorrenti tressaq quddiem il-Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali biex jirrispondi ghal akkuzi relattivi ghall-allegat nuqqas tieghu illi jibghat il-formoli tat-taxxi tas-socjeta' J. Scicluna Limited ghas-snin 2005, 2006, 2007 u 2008 skond il-provvedimenti tal-KAP 372 u l-Avviz Legali 88/98. Huwa jilmenta minn lezjoni tal-Artikolu 4 tas-seba' Protokoll tal-tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u kif ukoll mill-artikolu relattiv fil-KAP 319 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Jghid illi l-Kummissarju tat-Taxxi ma setghax jipprocedi bi proceduri civili ghaliex it-talbiet tieghu kienu preskritti u ghazel illi jmexxi bi proceduri kriminali, liema proceduri kriminali jiksru l-principju ta' *ne bis in idem*.

Minn naha taghhom, l-intimati jirrispingu dak allegat u pretiz mir-rikorrenti u jsostnu illi r-rikorrenti ma seta' qatt garrab ksur tal-principju ta' *ne bis in idem* in kwantu illi ma jirrizultax illi ttiehdu zewg proceduri legali kontra tieghu, izda biss wahda, dik kriminali. Isostnu illi fuq kollox hija l-ligi, bhal f'okkazjonijiet ohra, illi taghti d-dritt tal-ghazla liema procedura tittiehed, u f'dan il-kaz, il-Kummissarrju tat-Taxxi ghazel illi jressaq il-kaz bil-Pulizija Ezekuttiva. Jghidu illi jekk l-azzjoni, hi liema hi, hix preskritta jew le – dik sta ghall-Qorti li quddiemha qed jinstema' l-kaz illi tiddeciedi izda jsosntu illi ma hemm ebda dikjarazzjoni gudizzjarja minn Qorti civili illi tghid illi l-azzjoni civili hija preskritta.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mill-provi mressqa jirrizulta is-segwenti:

**Stefan Azzopardi**, bhala rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, xehed illi t-talbiet tad-Dipartiment mhux relatati mat-taxxa personali tar-rikorrent Mario Scicluna, izda mal-PE number tal-kumpannija tieghu J. Scicluna Limited. Jghid illi mid-dokumenti jirrizulta li saru pagamenti fis-sena 2005, izda fis-snin ta' wara jigifieri 2006, 2007 u 2008 ma saru l'ebda pagamenti da parti ta' Mario Scicluna.

Irrizulta mill-file li r-rikorrent ircieva "*default notice*" wahda biss u li qatt ma gie notifikat bid-*demand notices*, ghajr ghal wahda li huwa rcieva u hija datata 31 ta' Lulju 2017 u li giet notifikata lilu fl-14 ta' Awissu 2017 fl-indirizz li gie provvdut mir-rikorrent stess meta applika ghal PE number. Peress illi numru ta' avviz ma gewx notifikati, jispjega illi d-Dipartment iddecieda li jibda proceduri kriminali. Id-Dipartiment baghat l-ewwel notifika fis-sena 2005 u l-azzjoni kriminali bdiet fis-sena 2018. Jikkonferma li dak li huwa dovut mir-rikorrent huwa madwar sbatax il-elf jew tmintax il-elf Euro (€17,000/€18,000) li huma bolla u taxxa tal-impjegati.

Minn naha taghha, **Agnes Paris**, li tahdem fid-Dipartiment tat-Taxxa, xehdet dwar l-ammonti dovuti u kkonfermat li ma hemmx penali mposti ghaliex nbdew

l-proceduri kriminali. Hija ssostni illi l-ammont mhuwiex preskritt civilment. Tkompli tispjega li dawn l-ammonti jirreferu ghal taxxa u bolla li nqatghu mill-pagi tal-impjegati u li t-tmien snin preskrizzjoni tirreferi ghal taxxa ta' individwi u taxxa ta' kumpanniji. Tkompli tispjega li ddecidew jipprocedu kriminalment ghaliex n-notifiki li ntbaghtu ma waslux u ghalhekk ma setax jiskatta t-titolu ezekuttiv. Huma baghtu dawn l-avvizi fil-indirizz li kien tahom l-applikant stess u li kien obbligu tieghu li javvzahom jekk kien hemm bdil fil-indirizz.

Tispjega wkoll li l-procedura hija li l-ewwel ghandha tasal d-*default letter*, imbaghad d-*demand notice* u huwa biss wara li tkun tista` ssir ittra ufficjali. Ghalhekk minhabba l-fatt li f'dan il-kaz l'ebda minnhom ma kienet notifikata, ma sethux jaghmlu l-ittra ufficjali. Tikkonferma li f'dan l-kaz saret procedura wahda biss fil-konfront tar-rikorrent, ossia dik kirminali.

Minn naha tieghu, ir-rikorrent **Mario Scicluna** jikkonferma li ma hemm l'ebda proceduri civili dwar din il-kwistjoni. Jikkonferma wkoll li l-kumpannija qatt ma biddlet l-indirizz taghha.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi fl-isfond tal-provi prodotti, il-partijiet ssottomettew hekk:

**Ir-rikorrent**, jibda dwar l-eccezzjoni li l-Avukat Generali mhuwiex l-legittimu kontradittur. Il-lanjanza tar-rikorrenti f'din il-kawza hija li nhargu akkuzi kriminali fil-konfront tieghu u li dan ma setax jigri gialadabra ma ttiehdu l'ebda passi civili. Minhabba l-fatt li huwa l-process kriminali li qed jigi attakkat, il-persuna li ghandha toqghod ghal gudizzju huwa l-Avukat Generali u mhux l-Avukat tal-Istat.

Skond ir-rikorrenti, l-ewwel punt li ghandu jigi evalwat huwa jekk l-azzjoni civili ghandhiex minnha karatteristici li jxeqilbu aktar lejn l-azzjoni kriminali. Jirreferi ghal **Engel & Others vs The Netherlands**, li stabbiliet li hemm tlett kriterji sabiex wiehed jezamina jekk proceduri partikolari ghandhomx jitqiesu bhala "*a criminal charge*". Jirreferi wkoll ghal **Lucky Dev vs Sweden** deciza fis-27 ta' Novembru 2014, fejn gie ritenut li mizuri amministrattivi b'imposizzjoni ta' penali tista titqies bhala "*criminal charge*".

Illi b'referenza ghal gurisprudenza Maltija, ir-rikorrent jirreferi ghal **Angela Zahra vs L-Onorevoli Prim Ministru et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Mejju 2015 u **David Mifsud vs Il-Onorevoli Prim Ministru et** deciza wkoll mill-Qorti Kostituzzjonali fil-24 ta' Gunju 2016. F'dawn il-kawzi, il-Qorti sabet vjolazzjoni bl-istess mod li qed jigi mitlub f'dawn l-proceduri.

Dak li qieghed jikkontendi r-rikorrent f'dawn l-proceduri huwa li l-intimati ghazlu li jhallu z-zmien relattiv jghaddi minghajr ma bdew l-proceduri biex jiksbu titolu ezekuttiv. Skond ir-rikorrent, fil-mument li ghamlu dan, imbaghad ma setghux jitolbu li jinhargu akkuzi kirminali fuq l-istess fatt – u huwa f'dan l-punt li tinsorgi l-kwistjoni tad-duplicita`. Dwar dan issir referenza ghal **Sergey Zolotukhin vs Russia** deciza fil-10 ta' Frar 2009, fejn il-Qorti Ewropea kkonsiderat illi jekk persuna thalli terminu moghti lilha ghaddej inutilment, allura l-effett ta' dan huwa li l-kwistjoni ghandha titqies bhala wahda finali.

Illi f'dan l-kaz, l-Artikolu 47 tal-Kapitolu 372 huwa car u jimponi terminu preskrittiv ta' tmien (8) snin minn meta l-allegat ammont dovut bhala taxxa jkun gie dovut. Mhuwiex ikkontestat li t-tmien snin ghaddew u ghalhekk stante li l-azzjoni civili ma tistax tigi promossa, in-nuqqas ta' possiblita` li ttiehed l-azzjoni twassal ghal estinzjoni tal-azzjoni. Huwa ghalhekk li r-rikorrent isostni li lanqas ma setghu jingabu l-proceduri kriminali fil-konfront tieghu.

Dwar l-vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tas-seba` Protokoll, ir-rikorrent jerga` jaghmel referenza ghal kawza **Sergey Zolotukhin vs Russia** deciza fil-10 ta' Frar 2009 u jsostni illi jekk wiehed japplika dawn l-principji f'din il-kawza, jirrizulta li l-azzjoni kriminali fil-konfront tar-rikorrenti kienet ibbazata fuq l-istess fatti li setghu wasslu ghal proceduri civili, liema proceduri ma nbdewx fi zmien stipulat stante ghazla arbitrarja tal-intimati. Illi dan kollhu ghandu jigi applikat ukoll b'referenza ghal vjolazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Jikkonkludi billi jghid li bhala rimedju, jekk isehh vjolazzjoni, dan ghandu jwassal ghal kancellament tal-proceduri kriminali.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Minn naha taghhom, **l-intimati** sostnew b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni, illi huwa dibatibbli jekk hemmx il-htiega tal-Avukat Generali u/jew l-Avukat tal-Istat, stante illi l-kawza tirrigwarda decizjonijiet li ttiehdu mill-Kummissarju tat-Taxxi flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija. Fi kwalunkwe kaz izda, ai termini tal-Artikolu 181B(2), l-Avukat Generali gie zvestit milli jirraprezenta l-Gvern f'kawzi civili u kostituzzjonali, liema rwol issa inghata lill-Avukat tal-Istat.

Jsostnu illi l-bazi legali li fuqha nfethu l-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent noe huwa l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta. Jidher li l-lanjanza tar-rikorrenti hija li stante li d-Dipartiment tat-Taxxi ma nqediex bil-proceduri civili sabiex jirkupra t-taxxa dovuta, allura ma setax jinqeda mill-proceduri kirminali u dan a bazi tal-principju ta' *ne bis in idem*.

Jirreferu f'dan il-kuntest ghal kawza **Francis Vella vs Avukat Generali** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fid-29 ta' Settembru 2009.

Illi b'referenza ghall-ilment li gie vjolat l-artikolu 4 tas-seba` Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, l-intimati jirreferu ghal sentenza **Il-Pulizija vs John Micallef** deciza mill- Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-28 ta' Frar 2007. Jsostnu illi dak li ighidu dawn is-sentenzi huwa illi dak li ma jridux id-disposizzjoni tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea huwa li xi hadd li diga jkun ghadda minn proceduri kriminali, jerga` ghal darb ohra jghaddi minn proceduri kriminali ohra ghal istess reat.

Illi dwar il-principju ta' *ne bis in idem* u l-vjolazzjoni li qed jilmenta minnha r-rikorrenti, l-intimati jaghmlu ukoll referenza ghal sentenza tal-Qorti Ewropeja li hija **Pirttimaki vs Finland** deciza fil-10 ta' Mejju 2014, li ghandha twassal biex wiehed jikkonkludi illi huwa ghalhekk inkoncepibbli li kien hemm vjolazzjoni tal-principju ta' *ne bis in idem*, ghaliex qatt ma gie ppruvat li r-rikorrent diga` ghadda minn proceduri kriminali dwar l-istess fatti.

Jsostnu illi hemm in-nuqqas ta' multiplicita ta' kawzi kontra r-rikorrent ghal istess att. Jissottomettu wkoll li l-Qorti Kostituzzjonali diga' esprimiet ruhha dwar fatti identici fil-kawza **Antonio Busuttil vs Kummissarju tal-Pulizija, Kummissarju tat-Taxxi Interni u l-Avukat Generali** deciza fit-13 ta' April 2018.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra issa tevalwa t-talbiet mressqa u l-eccezzjonijiet sollevati fid-dawl taghhom.

- L-ewwel eccezzjoni tal-intimati

Minn qari tal-ewwel eccezzjoni, jirrizulta illi qed jinghad biss li l-isem tal-Avukat Generali ghandu jinbiddel ghal Avukat tal-Istat minhabba d-dhul fis-sehh tal-KAP 603 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha tieghu, ir-rikorrent isostni illi gja la darba huwa qieghed jilmenta minn proceduri kriminali illi jilledu d-drittijiet kostituzzjonali tieghu, allura huwa l-Avukat Generali illi ghandu jirrispondi.

Illi l-artikolu **181B,** tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, fis-sub-inciz (2) tieghu jghid hekk:

> *L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*

Illi l-Qorti tqis illi s-sottomissjoni tar-rikorrenti illi huwa qieghed iharrek lill-Avukat Generali peress illi qed jigu kkontestat proceduri kriminali m'ghandiex mis-sewwa, ghaliex fil-fatt giustament qed jitharrek il-Kummissarju tal-Pulizija bhala l-Kap tad-Dipartiment illi huwa illum involut fil-prosekuzzjoni tal-kaz in dizamina.

Quddiem il-Qorti ma ngieb ebda inkartament tal-proceduri lamentati minnhom, ghajr ghal kopja tat-Tahrika tal-kawza tal-Pulizija Ref 949462/18/01/01. Huwa pacifiku jinghad illi dawk huma proceduri sommarji mressqa mill-Pulizija Ezekuttiva u l-Avukat Generali, sakemm ma jkunx fi stadju t'Appell, ma jkunx parti f'tali proceduri.

Fil-fatt il-Kodici Kriminali jishaq fuq l-proceduri sommarji mressqa quddiem il-Qorti tal-Magistrati kif kondotti mill-Pulizija, u huwa biss fl-Artiklu 413 tal-KAP 9 illi l-ewwel darba li jissemma' l-Avukat Generali b'rabta ma' tali proceduri, f'kaz illi l-prosekuzzjoni tkun trid tappella minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati.

Ghaldaqstant, l-eccezzjoni mressqa mill-intimati ghandha mis-sewwa u kien ikun ghaqli illi isem l-Avukat Generali gie sostitwit ghall-Avukat tal-Istat – haga li ma saritx ghaliex ir-rikorrent oppona ghar-ragunijiet tieghu hawn fuq msemmija, u ghalhekk illi l-eccezzjoni qed titqies illi ghandha mis-sewwa u qed tintlaqa' b'dan illi l-Avukat Generali ser jigi dikjarat bhala liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

- Mertu

Fil-mertu, il-Qorti tqis illi dak li qieghed jitlob ir-rkorrent f'din il-kawza huwa sabiex din il-Qorti tiddikjara li l-fatt li nhargu l-akkuzi fil-konfront tieghu bhala direttur tas-socjeta J. Scicluna Ltd, ghas-snin 2005 sas-sena 2008, jikkostitwixxi lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu kif sancit fl-artikolu 4 tas-seba` Protokoll, tal-Artiklu relattiv fil-KAP 319 u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ir-rikorrent jallega u jsostni illi a bazi tal-principju ta' *ne bis in idem*, huwa ma setax issa jghaddi minn proceduri kriminali meta l-Kummissarju tat-Taxxi kien iddecieda li ma jiehux passi civili fil-konfront tieghu fuq il-istess fatti.

Id-difensur tar-rikorrent argumenta li gialadarba l-Istat jista' jipprocedi civilment fil-konfront tar-rikorrenti u anki jakkwista titolu ezekuttiv, huwa kellhu l-mezzi kollha legali sabiex jezigi l-hlas dovut civilment. Izda minflok ma ghamel dan, ghazel li jipprocedi kriminalment fil-konfront tar-rikorrent.

Il-Qorti tqis illi huwa pacifiku jinghad illi formalment ir-rikorrent ghadda jew ghaddej minn procedura <u>wahda biss</u>, dik penali, peress illi l-Kummissarju tat-Taxxi, ghar-ragunijiet tieghu hawn fuq elenkati, ghazel illi ma jiehux proceduri

civili kontra r-rikorrent biex jottjeni titolu ezekuttiv. Il-Qorti tqis ukoll pacifiku jinghad illi dawn l-proceduri kriminali illi qed jaffaccja r-rikorrent, huma l-ewwel u l-unici proceduri illi qieghed jaffaccja fir-rigward tas-snin mertu ta' dik il-kawza, kif intoltre` jikkonferma l-istess rikorrent.

Il-**Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni** jghid hekk:

> *Ebda persuna li turi li tkun ghaddiet proceduri quddiem xi qorti kompetenti ghal reat kriminali u jew tkun giet misjuba hatja jew liberata ma ghandha terga` tghaddi proceduri ghal dak ir-reat jew ghal xi reat kriminali iehor li ghalih setghat tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat hlief wara ordni ta' qorti superjuri moghti matul il-kors ta' appell jew proceduri ta' revizjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' htija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma ghandha tghaddi proceduri ghal reat kriminali jekk turi li tkun hadet il-mahfra ghal dak ir-reat...*

Spjegat fi kliem semplici, dan l-artikolu jistabilixxi d-dritt li l-ebda persuna li tkun għaddiet minn proċeduri ta' natura penali quddiem Qorti kompetenti dwar reat kriminali, sew jekk tkun giet liberata mill-akkużi u sew jekk le, ma tista' terġa' titressaq mixlija fi proċeduri oħrajn dwar dak ir-reat jew xi reat ieħor li għalih setgħet instabet ħatja fl-ewwel proceduri, għajr fuq ordni tal-Qorti tal-Appell Kriminali jew proċedura ohra ta' reviżjoni tal-ewwel proċess. L-istess artikolu jrid ukoll li ħadd ma jitressaq mixli dwar reat kriminali li tiegħu dik il-persuna tkun diġa' ngħatat maħfra, anke jekk ghal finijiet ta' din il-kawza, din ta' l-ahhar hija rrelevanti.

Din il-Qorti diversament preseduta gja kellha opportunita' tistharreg sewwa u b'mod meqjus dan l-Artikolu tal-Kostituzzjoni, u fil-kawza **Francis Vella vs Avukat Generali**[1], il-Qorti qalet hekk:

> *Illi huwa wkoll stabilit li l-prinċipju ta' ne bis in idem imħares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun għaddiet minn proċess dwar reat, m'għandha qatt terġa' tgħaddi minn proċess ieħor dwar tali reat jew dwar reati oħra li setgħet tinstab ħatja dwarhom f'dak l-ewwel proċess. Dan il-prinċipju jidher li huwa l-verżjoni tad-dritt penali ta' dak il-prinċipju l-ieħor tar-res judicata li jikkostitwixxi eċċezzjoni perentorja tal-ġudizzju fil-qasam tal-proċedura ċivili.*
>
> *Illi meta wieħed jitkellem dwar l-eċċezzjoni tan-ne bis in idem fil-qasam tad-dritt penali taħt l-ordinament ġuridiku tagħna, wieħed iqis li jeħtieġ jintwera li l-persuna li tkun tqiegħdet taħt akkuża oħra trid tkun l-istess waħda li kienet tqiegħdet taħt l-ewwel proċedura u wkoll li tkun hekk tressqet dwar l-istess fatt.*

[1] 9/2008 deciza 29.09.2009

> *Kif ingħad, "Bl-espressjoni 'l-istess fatt' wieħed għandu jifhem il-fatt fiżikament rigwardat, konsistenti għalhekk kemm fl-element materjali – att ta' kommissjoni jew ommissjoni – kif ukoll dak formali tiegħu. Mhux biżżejjed li l-fatt ikun jirrigwarda l-istess oġġett; hekk, per eżempju, min f'okkażjoni partikolari jagħmel ħsara volontarja fuq proprjeta' ta' ħaddieħor u f'okkażjoni oħra jerġa' jagħmel l-istess tip ta' ħsara fuq l-istess proprjeta' ma jista' bl-ebda mod jeċepixxi r-res judicata". Madankollu, għall-finijiet ta' stħarriġ ta' ksur ta' jedd fundamentali – kif ingħad aktar qabel – tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh li, filwaqt li l-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali jitkellem dwar "l-istess fatt", l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar "(l-istess) reat".*

Gie kkonsiderat ghalhekk li sabiex tirrizulta lezjoni, hemm bzonn li r-rikorrent kien gie processat minn Qorti kompetenti ghal reati kriminali fuq l-istess reati. Ma hemmx dubbju illi dan mhux il-kaz, il-proceduri illi ghaddej minnhom ir-rikorrent, jirrizulta illi huma l-ewwel u l-unici.

Il-Qorti tqis ukoll l-Artikolu 6 tal-KAP 6 tal-Ligijiet ta' Malta, li ighid espressament hekk:

> *L-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra.*

Il-Qorti tqis ghalhekk illi s-sottommissjoni tar-rikorrent fis-sens illi l-Kummissarju ghat-Taxxi ghazel l-azzjoni penali minflok dik civili ghaliex din ta' l-ahhar giet estinta bil-preskrizzjoni, ma ghandiex mis-sewwa. Kif gja accennat aktar il-fuq ma kien hemm ebda dikjarazzjoni gudizzjajra illi l-azzjoni civili tal-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tar-rikorrent kienet preskritta, u dan il-fatt wahdu jinduci lill-Qorti tghid illi tista' tieqaf hawn dwar dan.

Imma irid jinghad illi l-Artikolu 6 tal-KAP 9 hawn fuq kkwotat imur biex ifisser illi anke kieku stess kien il-kaz kif allegat mir-rikorrent, ai termini ta' dak il-provvediment, xejn ma kien izomm lill-Kummissarju tat-Taxxi jistitwixxi proceduri kriminali – sitwazzjoni dik illi forsi fiha l-ilment tar-rikorrent kien jaghmel sens illi jigi mistharreg f'aktar dettal.

Ulterjorment, tqis:

> *The issue is then whether there has been a duplication of proceedings (bis). In A and B v. Norway [GC] the Court examined the Norwegian system of dual criminal and administrative proceedings regarding incorrect information submitted in tax declarations. The Court developed further the principle of "sufficiently close connection in substance and in time" between the proceedings. It held that the surest manner of ensuring compliance with Article 4 of Protocol No. 7 was the provision of a single-track procedure enabling the parallel strands of legal regulation of the activity concerned to be brought together, so that*

> *the different needs of society in responding to the offence could be addressed within the framework of a single process. <u>Nonetheless, Article 4 of Protocol No. 7 does not exclude the conduct of dual proceedings, even to their term, provided that certain conditions are fulfilled</u>.*

Li jgib lill-Qorti ghall-**Artikolu 4 tas-seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja** mbaghad ighid espressament hekk:

1. *Hadd ma jista' jkun ipproċessat jew jerġa' jiġi kkastigat għal darb'oħra fi proċedimenti kriminali taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istess Stat għal xi reat li dwaru jkun diġà ġie finalment liberat jew misjub ħati skont il-liġi u l-proċedura penali ta' dak l-Istat.*
2. *Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti ma għandhomx iżommu milli l-każ jerġa' jinfetaħ skont il-liġi u l-proċedura penali tal-Istat in kwistjoni, jekk ikun hemm provi ta' xi fatti ġodda jew li jkunu għadhom kif ġew żvelati, jew inkella jekk ikun ħemm xi vizzju fondamentali fil-proċedimenti ta' qabel, li jista' jkollhom effett fuq kif jiżvolġi l-każ.*
3. *Ebda deroga minn dan l-artikolu ma għandha ssir taħt l-artikolu 15 tal-Konvenzjoni*

Il-Qorti tqis illi l-*guidance notes* "*Guide on Article 4 of Protocol No. 7 to the European Convention on Human Rights Right not to be tried or punished twice*" pubblikat mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem[2] jibdew proprju b'dawn id-dikjarazzjonijiet fl-introduzzjoni ghad-dokument:

> *Protocol No. 7 to the Convention was drafted in 1984. The aim of Article 4 of Protocol No. 7 is <u>to prohibit the repetition of criminal proceedings</u> that have been concluded by a final decision (ne bis in idem).*
>
> *The <u>protection against duplication of criminal proceedings</u> is one of the specific safeguards associated with the general guarantee of a fair hearing in criminal proceedings.*
>
> *Article 4 of Protocol No. 7 to the Convention enshrines a fundamental right guaranteeing that no one is to be tried or punished in criminal proceedings for an offence of which he or she <u>has already been</u> finally convicted or acquitted*

Siltiet mill-istess sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta hawn fuq riferita[3] u li din il-Qorti terga' taghmel taghha ighidu hekk:

> *Illi għal dak li jirrigwarda l-aspett tal-prinċipju tan-ne bis in idem taħt il-Konvenzjoni kif applikat taħt il-Konvenzjoni dan jieħu xejra xi ftit*

---

[2] Aggornat 30.04.2021

[3] Francis Vella vs Avukat Generali

*differenti minn dak li japplika taħt il-Kostituzzjoni. Il-Qorti diġa' aċċennat għal dan aktar qabel, u l-istess ħaġa tennew il-Qrati tagħna wkoll f'xi każijiet li kienu jmissu din il-kwestjoni. L-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll, li llum il-ġurnata jagħmel biċċa mil-liġi ta' Malta, jipprovdi li ħadd ma jista' jiġi pproċessat jew ikkastigat għal darba oħra fi proċediment kriminali taħt il-ġurisdizzjoni tal-istess Stat għal xi reat li dwaru jkun ġie pproċessat (kemm jekk ikun inħeles kif ukoll jekk ikun instab ħati) skond il-liġi u l-proċedura penali f'dak l-Istat. L-imsemmi artikolu jagħmel eċċezzjoni fil-każ li, skond il-liġi u l-proċedura penali ta' xi Stat, każ jista' jerġa' jinfetaħ jekk ikun hemm provi ta' fatti ġodda li jkunu għadhom kif irriżultaw, jew jekk fl-ewwel proċediment ikun seħħ xi "vizzju fondamentali", li f'kull każ minnhom jista' jkollhom effett fuq kif jisvolġi l-każ.*

*Illi l-prinċipju tan-ne bis in idem jimplika tabilfors li tkun teżisti sentenza jew deċiżjoni li tiswa (għalkemm m'hux bilfors tkun waħda li fiha l-akkużat ikun instab ħati) bħala ostaklu għal proċedura dwar l-istess reat warajha;*

*Illi huwa stabilit ukoll li l-jedd imħares taħt l-imsemmi artikolu m'huwiex limitat biss għall-ħarsien li persuna ma tinstabx ħatja darbtejn tal-istess reat, imma li l-persuna ma ġġarrabx iżjed minn proċess kriminali wieħed dwar dak ir-reat, u għalhekk, l-artikolu jgħodd ukoll fejn persuna tkun diġa' tressqet fuq proċeduri li jintemmu bla sejbien tal-ħtija tagħha. Dan għaliex dak l-artikolu jiġbor fih tliet garanziji differenti minn xulxin, u jiġifieri li l-ebda persuna m'għandha (i) tkun suġġetta li titressaq, (ii) titressaq jew (iii) tinstab ħatja aktar minn darba tal-istess offiża;*

*Dak li jipprovdi l-imsemmi artikolu hu li persuna ma tistax titressaq mixlija bl-istess reat li minnu tkun diġa' għaddiet proċeduri – kemm jekk taħthom instabet ħatja u kemm jekk kienet inħelset – li jkunu ntemmu b'sentenza li saret ġudikat.*

Il-Qorti zzid referenza ghall-istess *guidance notes* hawn fuq gja msemmija, meta jinghad:

*Article 4 of Protocol No. 7 states that the ne bis in idem principle is intended to protect persons who have already been "finally acquitted or convicted". The explanatory report on Protocol No. 7 states, as regards Article 4, that "[t]he principle established in this provision applies only after the person has been finally acquitted or convicted in accordance with the law and penal procedure of the State concerned". <u>For a person to qualify for protection under this Article, a final decision is therefore not sufficient; the final decision must also involve the person's acquittal or conviction</u>. In each case, the Court must therefore determine whether there was an acquittal or conviction. If so, it must determine*

*whether it was a "final" decision for the purposes of Article 4 of Protocol No. 7 (Mihalache v. Romania [GC], §§ 88-89).*

*Article 4 consists of three paragraphs. The first paragraph sets out the three key components of the ne bis in idem principle (Mihalache v. Romania [GC], § 49):*

*1. whether both proceedings were "criminal" in nature,*
*2. whether the offence was the same in both proceedings and*
*3. whether there was a duplication of proceedings.*

*The third component in turn consists of three separate sub-issues:*

*a. whether there were new proceedings;*
*b. if so, whether the first set of proceedings was concluded by a final decision; and*
*c. whether the exception in the second paragraph is applicable.*

Il-Qorti tqis illi r-rikorrent qieghed jigi akkuzat talli naqas illi jibghat il-formoli tat-taxxa u maghhom il-hlas illi kien dovut u ma hallasx it-taxxa fuq id-dhul u l-kontribuzzjonijiet socjali tal-impjegati ghal numru ta' snin.

Dan qed jinghad peress illi l-Qorti ma tridx thalli inosservat dak li ssottomettew l-partijiet ukoll meta rreferew ghal kawzi ohra li kien hemm quddiem il-Qrati taghna fuq il-istess kwistjoni. Dan qed jinghad ghaliex il-Qorti jirrizultalha illi l-mertu ta' diversi sentenzi citati mhuwiex ezattament l-istess. F'dawk il-kawzi l-ilment li seta` jkun hemm vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, kienet jikkoncerna l-fatt, li minbarra l-akkuzi kriminali, id-Dipartiment kien ukoll impona penali minhabba nuqqas ta' hlas ta' din it-taxxa. Fil-fatt jekk wiehed ihares per ezempju lejn s-sentenza li nghatat fil-kawza **Angelo Zahra vs Il-Onorevoli Prim Ministru et** (deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Mejju 2015), il-Qorti kienet sabet lezjoni ghaliex bil-fatt li kienu anke gew imposti multi amministrattivi, l-imputat kien gie meqjus li kien gie pprocessat darbtejn u ppenalizzat darbtejn. Kien f'dan il-kuntest, kompletament differenti ghall-fatti specie ta' dan il-kaz, illi l-Qorti sabet lezjoni tal-Artikolu 4 tas-Seba` Protokoll tal-Konvenzjoni.

F'din il-kawza, ma jirrizultax li kien hemm imposizzjoni ta' penali oltre` dak li r-rikorrent ghandu jhallas bhala taxxa. Fil-fatt x-xhud Stefan Azzopardi jikkonferma specifikatament li minhabba l-fatt li nbdew l-proceduri kriminali, l-penali li setghu gew mposti, tnehhew.

Il-Qorti qieset ukoll dak li jinstab fil-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa. Il-Kummissarju tat-Taxxi ghandu d-dritt li **f'kull zmien** jinnotifika lill-persuna b'avviz ta' nuqqas (Art. 23 (5)). Minbarra dan, ai termini tal-Artikolu 23(10), is-setghat moghtija lill-Kummissarju f'dan l-artikolu ghandhom ikunu <u>b'zieda ghal kull dritt moghti lilu li jibda procedimenti dwar reat</u>.

Fl-ahhar l-proviso ghal Artikolu 23(13) jghid li r-reat jibqa' jezisti sakemm min jaghmel ir-reat ikun kkonforma ma u hares id-disposizzjonijiet ta' dan il-artikolu.

Illi minn dan kollhu huwa car ghal din il-Qorti, li l-intimat Kummissarju tal-Pulzija, fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi, kellhu kull dritt, fil-kuntest hawnekk diskuss u deciz, li jibda dawn l-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent, anke jekk dan sar f'Ottobru tas-sena 2018, meta n-nuqqas kien gara mis-sena 2005 sas-sena 2008. Ghalhekk il-proceduri kriminali li nbdew kontra r-rikorrent ma jiccentrawx fil-principju ta' *ne bis in idem*, ghaliex assolutament ma kien hemm l'ebda proceduri ohra, sew civili u sew kriminali, fil-konfront tieghu fuq l-istess fatti.

Il-Qorti tqis allura illi ma jirrizultax illi r-rikorrent gja kien ipprocessat kriminalment jew mod iehor fuq l-istess fatti, u wisq anqas illi gja hemm xi gudizzju fil-konfront tieghu liema gudizzju lliberah jew sabu hati. Ulterjorment din il-Qorti tinnota illi ma hemm ebda dikjarazzjoni minn qorti kompetenti illi l-azzjoni civili hija preskritta skond il-ligi u lanqas ma jirrizulta illi hemm xi penali illi r-rikorrenti qed jintalab illi jhallas mal-akkuzi illi qed jaffaccja – imma l-pendenzi tieghu jirreferu biss ghat-taxxa illi hija minnhu dovuta skond il-Kummissarju tat-Taxxi.

**GHALDAQSTANT,** ghal dawn il-konsiderazzjonijiet u ragunijiet hawn fuq maghmula, din il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi –

1 **Tilqa`** l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u tillibera lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju u;

2 **Tilqa'** l-bqija tal-eccezzjonijiet tal-intimati filwaqt illi tichad it-talbiet tar-rikorrenti u ghalhekk:

**Tiddikjara** illi l-fatt li nħarġu l-akkużi kontra r-rikorrent, u cioe talli bhala direttur tal-kumpanija J. Scicluna Ltd (C 4150), ir-rikorrent Mario Scicluna (K.I. 471846M) ghas-snin 2005, 2006, 2007 u 2008, b'diversi atti maghmula minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda naqas li jibghat il-formuli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikolu (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq msemmi artikolu 23 u naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli, skond Dokument A, ma jikkostitwux proċediment li huwa leżiv tad-dritt fundamentali tar-rikorrent hekk kif sanċit fl-artikolu 4 tas-Seba´ Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja Għad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u kif ukoll l-artikolu korrispettiv fl-Ewwel Skeda fil-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, kif wkoll ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni.

**Tiddikjara** illi in linea ma' dak hawn fuq deciz, **ma ghandiex** rimedji x'taghti hlief illi tordna illi kopja ta' din is-sentenza tigi inserita fl-atti tal-istess procedura quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Inland Revenue Sitting) fl-ismijiet **Pulizija vs Mario Scicluna**, sabiex l-istess Qorti tiddisponi mill-kaz skond din is-sentenza.

Bl-ispejjes kollha kontra r-rikorrenti pro et noe.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**